MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 8/2004/1

**I.T.C. Limited**

**v.**

**Avukat Generali, il-Bord ta' l-Appell dwar il-Kuntratti u d-Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

F'dan l-appell is-socjeta` appellanti I.T.C. Limited qieghda tilmenta li gie vjolat id-dritt fundamentali taghha ghal

smigh xieraq fil-mori ta' proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, wara sejha pubblika ghall-offerti.

Il-fatti inkontestati li taw lok ghal din il-vertenza huma brevement is-segwenti:

1. Is-socjeta` rikorrenti (u llum appellanti) kkonkorriet (il-"gara" li ghaliha hemm referenza kemm fir-rikors promotur kif ukoll fis-sentenza appellata) f'sejha ghal offerti mill-pubbliku mahruga mill-Gvern ghal kuntratt dwar organizazzjoni ta' attivita` ta' celebrazzjonijiet fl-okkazjoni tas-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.
2. Il-kuntratt ma nghatax lis-socjeta` rikorrenti, izda nghata lil socjeta` ohra, li kienet ikkonkorriet ukoll.
3. Fil-5 ta Frar 2004, is-socjeta` rikorrenti ressqet avviz ta' oggezzjoni kontra l-ghazla li saret u fis-16 ta' Frar 2004 inzammet laqgha mill-Bord ta' l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici biex jigi trattat l-appell taghha.
4. Il-Bord ta' l-Appell ma laqax it-talba tal-imsemmija socjeta` li jordna l-ezibizzjoni ta' diversi dokumenti, ghajr li ordna l-ezibizzjoni ta' xi siltiet mir-rapport ta' l-*Adjudicating Board* dwar l-offerti mitfugha f'dan il-konkors, u s-socjeta` rikorrenti qieghda tghid li dawn id-dokumenti kienu determinanti ghas-smiegh tal-kaz taghha b'mod xieraq.
5. Fil-mori ta' din il-kawza u cioe` fis-27 ta' Frar 2004, il-Bord ta' l-Appell cahad l-oggezzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti ghall-ghoti tat-*tender* lill-konsorzju kompetitur.

Is-socjeta` I.T.C. Limited, ghalhekk, talbet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili tiddikjara u tiddeciedi li bil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici hawn aktar 'l fuq imsemmija, u senjatament bir-rifjut tal-Bord li jippermetti l-ezibizzjoni u ezami tad-dokumenti minnha mitluba, id-dritt taghha ghal smiegh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet taghha fir-rigward ta' l-imsemmi konkors ghall-appalt gie  miksur, u dan fis-sens ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u talbet ir-rimedji xierqa w opportuni biex jaghmlu tajjeb ghal dina l-lezjoni.

## Is-sentenza appellata

Ikun opportun f'dana l-istadju li tigi hawn riprodotta s-sentenza kollha appellata peress li din fiha mhux biss it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u l-premessi ghal tali talbiet, izda wkoll l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati, appellati f'din l-istanza, kif ukoll ir-ragunijiet li wasslu lil dik il-Qorti tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet. Jigi precisat li effettivament l-ewwel Qorti tat zewg sentenzi – l-ewwel wahda fil-15 ta' April 2004, li biha dik il-Qorti cahdet ir-raba' eccezzjoni ta' l-intimati u ddikjarat li kienet sejra taghzel li tezercita l-gurisdizzjoni taghha (u min din is-sentenza ma' giex interpost appell), u s-sentenza li ddisponiet mill-eccezzjonijiet l-ohra u mill-meritu u li nghatat fis-16 ta' Dicembru 2004. Hija din l-ahhar sentenza li qed tigi hawn riprodotta:
"Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Frar, 2004, li bih il-kumpannija I.T.C. Ltd. li bih ippremettiet;

"Illi l-esponenti kienu tefgħu offerta għall-kuntratt għal hekk imsejħa 'EU Accession Celebration – Tender for the design, organization and management of a quality national event on the eve of May 1, 2004' li ħareġ b'sejħa għall-offerti għall-pubbliku;

"Illi fil-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-istess sejħa għall-offerti ġie deċiż mid-direttur tal-kuntratti u iżjed senjatament mill-kumitat tal-kuntratti wara li l-istess ħadu parir mill-'Adjudicating Board' tal-Ministeru għaż-Żgħażagħ u Kultura li l-kuntratt ma jingħatax lir-rikorrenti imma minflok jingħata lill-konsorzju magħruf bħala Welcome Europe li wkoll kien ipparteċipa f'dik is-sejħa għall-offerti billi tefa' l-offerta tiegħu;

"Illi fil-5 ta' Frar, 2004 l-esponent ippreżenta avviż ta' oġġezzjoni kontra tali deċiżjoni kif previst mir-regolamenti applikabbli, liema ittra qegħda tiġi hawn esebita u markata document A, u sussegwentement, fit-terminu stabbilit mir-regolamenti, ippreżenta l-ittra motivata ta' oġġezzjoni għall-istess kopja ta' liema hi hawn eżebita u markata document B;

"Illi fis-16 ta' Frar, 2004, Lou Bondi għall-konsorzju Welcome Europe irrisponda bl-ittra hawn esebita u markata document C; wara din l-ittra sar ir-rapport analitiku mir-rappresentant tad-Direttur tal-Kuntratti li qiegħed jiġi hawn esebit u markat Dokument D;

"Fid-19 ta' Frar, 2004, il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Publiċi sejħa laqgħa biex jiddiskuti dan l-appell, liema laqgħa damet sejra, salv xi interruzzjoni, mid-disa' ta' fil-għodu sad-disa' ta' fil-għaxija. Dina kienet l-unika laqgħa li żamm dan il-Bord fil-każ. Fil-bidu tal-laqgħa l-appellanti talbu li l-bord jordna l-esibizzjoni ta' diversi dokumenti. Fost id-dokumenti li intalbgħu li jiġu esibiti mill-appellanti kien hemm r-rapport li kien ġie imħejji mill-Adjudicating Board dwar l-offerti mitfugħa f'dina l-gara, kif ukoll l-offerti mitfugħa mid-diversi parteċipanti fil-gara. Il-Bord ta' l-Appell naqas li jordna li l-istess dokumenti u d-dokumenti l-oħra kollha li r-rikorrenti talbu li jiġu prodotti fir-rigward tal-każ tagħhom, li dawn jiġu prodotti. Għajr għall-siltiet żgħar ħafna mir-rapport tal-'Adjudicating Board' d-dokumenti mitluba mill-appellanti baqgħu ma ġewx esibiti quddiem il-Bord tal-appell. B'dan il-mod l-esponenti ġew imċaħħda milli jkollhom smiegħ xieraq quddiem l-istess Bord tal-Appell billi ġew privati mill-possibilita` li jipproduċu jew iġiegħelu li jiġu prodotti quddiem l-istess bord dokumenti li kienu determinanti għall-smiegħ tal-każ tagħhom b'mod xieraq;

"Illi b'konsegwenza ta' dawn il-proċeduri ġew vjolati fil-konfront tar-rikorrenti d-dritt tagħhom għall-smiegħ xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-istess fuq imsemmija gara għall-appalt fuq riferit u b'dan il-mod ġew miksura fil-konfront tagħhom l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, l-ewwel skeda tal-Kapitolu 319;

"Għaldaqstant l-esponent fil-waqt li jġibu l-premess għal-formali konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti jitolbu bir-rispett li dina l-Qorti jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li bil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Publiċi fuq riferiti, u iżjed senjatament bir-rfijut tal-Bord li

tippermetti l-esibizzjoni u eżami tad-dokumenti minnhom mitluba, d-dritt tagħhom għall-smiegħ xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-istess fuq imsemmija gara għall-appalt fuq riferit ġie miksur u dan fis-sens tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, l-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 u b'hekk tipprovdilhom dawk ir-rimedji xierqa u opportuni biex tagħmel tajjeb għall-dina il-lezzjoni.

"Rat li l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li bil-proċeduri miżmuma quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi, u iżjed bir-rifjut ta' dak il-Bord li jħalli li ssir l-esibizzjoni u l-eżami ta' dokumenti mitluba mill-istess kumpannija rikorrenti, ġie miksur id-dritt tagħha għal smigħ xieraq fid-determinazzjoni tad-dritt tagħha dwar il-gara tal-appalt għall-finijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u biex din il-Qorti tagħtiha r-rimedji xierqa u opportuni biex tagħmel tajjeb għall-dina l-leżjoni;

"Rat is-sitt (6) dokumenti mehmuża mal-imsemmi rikors;

"Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2004, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-4 ta' Marzu, 2004;

"Rat it-tweġiba mressqa fit-2 ta' Marzu, 2004, li biha l-intimati Avukat Ġenerali u Direttur tal-Kuntratti eċċepew;

**"Preliminarjament**

1. Illi l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni stante illi dan m'huwiex il-każ illi r-rikorrent ma tistax tirrivolġi talbiet tagħha kontra xi Dipartiment wieħed jew iżjed tal-Gvern;

2. Illi l-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti m'huwiex azzjonabbli bħala korp morali u ma għandu ebda personalita` ġuridika indipendenti mill-membri tiegħu u ma jistax ikun konvenut f'din il-kawża bħala Bord;

3. Illi l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti in kwantu jeżerċita funzjoni ġudikanti, dejjem fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, in forza ta' liġi m'huwiex azzjonabli;

4. Illi fi kwalunkwe każ huwa indikat illi dina l-Qorti tiddeklina milli teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt l-artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 4 tal-Kap 319 stante l-eżistenza ta' mezzi oħra ta' rimedju u senjatament il-fakolta` ta' reviżjoni ġudizzjarja tad-deċiżjoni tal-Bord b'ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, jekk huwa allegat illi dik id-deċiżjoni kienet tikkostitwixxi ksur tal-liġi.

**"Fil-meritu**

5. Illi l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi filwaqt illi hija bażata fuq allegat ksur tad-dritt għas-smiegħ xieraq fid-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili (Art 39 kost, Art 6 ECHR), il-fatti tal-każ, u partikolarment il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' offerti, ma jippreżentaw ebda apparenza ta' xi proċess illi jiddetermina drittijiet jew obbligi ċivili;

6. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-miżuri li ħa l-Bord tal-Appelli għall-protezzjoni tas-segrieti kummerċjali u biex ma jsirx abbuż mill-proċeduri li saru quddiemu għall-iskop illi tiġi svelata b'kapriċċ l-istrateġija kummerċjali ta' kompetitur kienu miżuri neċessarji u proporzjonati intiżi għall-protezzjoni ta' drittijiet liema miżuri ma ippreġudikawx id-dritt għal smiegħ xieraq li setgħa talvolta eżista;

7. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż.

"Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2004, fejn ġie deċiż li l-ewwel issir it-trattazzjoni tar-raba' eċċezzjoni tal-intimati;

"Rat is-Sentenza tagħha tal-15 ta' April, 2004[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati, u iddikjarat li kienet sejra tagħżel li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha biex tisma' l-ilment tal-kumpannija rikorrenti;

"Semgħet il-provi tal-partijiet fil-mertu;

"Rat id-dokumenti mressqin mill-partijiet, magħduda magħhom it-traskrizzjoni tal-proċeduri tas-smigħ quddiem il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

"Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2004, li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-mezz ta' noti ta' sottomissjonijiet;

"Rat illi l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet noti bis-sottomissjonijiet tagħha fiż-żmien mogħti lilha, u sallum lanqas talbet li l-Qorti tieqaf milli tgħaddi għas-sentenza. Għalkemm il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq li xejn ma tapprova tali nuqqas tal-partijiet, hija sejra twettaq id-dmir tagħha u tgħaddi għall-għoti tas-sentenza fuq l-atti proċesswali;

"Rat l-atti kollha tar-rikors;

"Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2004, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***"Ikkunsidrat:***

"Illi b'din l-azzjoni, l-kumpannija rikorrenti qegħda tgħid li l-intimati kisrulha l-jedd fondamentali ta' smigħ xieraq fi proċeduri ta' appell li saru wara li saret sejħa għal offerti għall-pubbliku dwar attivita` ta' ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Il-kumpannija rikorrenti kienet tefgħet offerta, iżda l-għażla marret fuq organiżżazzjoni oħra li ikkonkorriet ukoll. Il-kumpannija rikorrenti ressqet avviż ta' oġġezzjoni dwar l-

[1] Paġġ. 154-164 tal-proċess

għażla li saret u nżammet laqgħa mill-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi biex jigi trattat l-appell tagħha. Il-kumpannija rikorrenti tgħid li r-rapport tal-Bord tal-Għażla li bis-saħħa tiegħu kienu ġew mistħarrġa l-offerti mressqa ma kienx tħalla jitressaq mill-Bord tal-Appell imsemmi ħlief għal xi siltiet minnu. Minħabba f'hekk, l-kumpannija rikorrenti tgħid li ma kellhiex smigħ xieraq fid-determinazzjoni ta' dritt tagħha dwar il-gara għall-appalt tal-imsemmija ċelebrazzjonijiet;

"Illi, għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet kemm ta' xejra preliminari u oħrajn fil-mertu. F'tal-ewwel, jingħad li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu, u li l-Bord tal-Appell intimat m'huwiex azzjonabbli għaliex m'huwiex persuna ġuridika indipendenti u, fil-qadi tal-"funzjoni ġudikanti" tiegħu m'huwiex sindakabbli. Jgħidu wkoll li, billi l-kumpannija rikorrenti kellha meżżi oħrajn ta' rimedju għad-dispożizzjoni tagħha, din il-Qorti jmissha tieqaf milli twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali (jew konvenzjonali). Fil-mertu, l-intimati jgħidu li l-azzjoni m'hijiex mistħoqqa għaliex il-proċess tal-appell ma jirrappreżenta l-ebda xbieha ta' proċess li jiddetermina drittijiet jew obbligi ċivili, u li l-miżuri li ħa l-Bord tal-Appell kienu f'posthom u maħsuba biex iħarsu s-"sigrieti kummerċjali" tal-konkorrent kompetitur tal-istess kumpannija rikorrenti fil-gara;

"Illi ġie mfisser mill-intimati waqt is-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2004, li r-rimedju alternativ li huma jgħidu li kellha l-kumpannija rikorrenti kien dak ta' azzjoni quddiem Qorti kif maħsub u mfisser fir-Regolament numru Tmintax (18) tad-Disa' Skeda tal-Avviż Legali 70 tal-1996;

"Illi jixraq li, qabel ma jiġu mistħarrġin l-aspetti legali tal-każ, jissemmew xi <u>fatti li jirrigwardaw il-każ u li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>. Il-Ministeru taż-Żgħażagħ u l-Arti ħareġ sejħa għall-offerti dwar it-tnedija ta' attivitajiet biex jiġi ċelebrat id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja[2]. Bord tal-Għażla fi ħdan l-istess Ministeru wasal għall-fehma li

[2] Paġġ. 16 sa 44 tal-proċess

jirrakkomanda li l-offerta tal-konsorjzu *Welcomeurope* kellha tiġi magħżula minn fost l-offerti kollha[3]. Fit-3 ta' Frar, 2004, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla. Il-kumpannija rikorrenti ressqet avviż ta' oġġezzjoni għall-imsemmija deċiżjoni fil-5 ta' Frar, 2004[4], għar-raġunijiet imsemmija, flimkien mal-ħlas ta' depożitu ta' Lm 200[5]. Fit-13 ta' Frar, 2004[6], ir-rikorrenti ressqet ittra ta' oġġezzjoni motivata. Il-konsorzju magħżul ressaq ir-replika tiegħu fis-16 ta' Frar[7];

"Illi fid-19 ta' Frar, 2004[8], sar smigħ pubbliku tal-oġġezzjoni mressqa mill-kumpannija rikorrenti mill-Bord intimat. Ir-rikors preżenti tressaq fl-24 ta' Frar, 2004. Il-Bord tal-Appelli ta d-deċiżjoni tiegħu fis-27 ta' Frar, 2004[9], fis-sens li ikkonferma d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Għażla;

"Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, il-Qorti sejra l-ewwel tqis l-eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, u mbagħad, tgħaddi biex tqis il-każ fil-mertu;

"Illi **għar-rigward tal-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur**, jidher li din qegħda tissejjes fuq il-fatt li l-intimat iqis li r-rikorrenti setgħet mexxiet l-ilment tagħha kontra dipartiment wieħed jew aktar tal-Gvern. L-intimati jidher li qegħdin jistrieħu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'din il-kawża, ix-xilja tal-kumpannija rikorrenti tirrigwarda għamil jew aġir tal-Bord intimat, imma huwa stabilit l-liġi trid li jkun l-Avukat Ġenerali li jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern[10]. Matul iż-żmien ġie stabilit li meta jitressqu azzjonijiet li jallegaw ksur ta' dritt fondamentali mwettaq minn xi qorti jew tribunal, magħdud magħhom tribunal

---

[3] Estratt tar-rapport f'paġ. 15 tal-proċess
[4] Dok f'paġ. 13 u Dok "DK", f'paġ 172 tal-proċess
[5] Riċevuta f'paġġ. 14 u 173 tal-proċess
[6] Dok f'paġġ. 9 sa 12 u Dok "DK1", f'paġġ. 174-7 tal-proċess
[7] Dok f'paġ. 8 u Dok "DK2", f'paġ. 178 tal-proċess
[8] Paġġ. 227 sa 684 tal-proċess
[9] Dok "ITC1", f'paġġ. 52 sa 66 tal-proċess
[10] Art. 181B(2) tal-Kap 12

amministrattiv, huwa sewwasew l-Avukat Ġenerali l-persuna li jirrappreżenta tali enti ġudizzjarju[11], u dan minkejja li la kien hu personalment l-awtur tal-allegat ksur[12] u wkoll lanqas se' jkun hu li jagħmel tajjeb għar-rimedju li l-parti rikorrenti tingħata f'każ li jirriżulta li tassew kien seħħ ksur ta' jedd fondamentali tagħha;

"Illi l-Qorti tqis li hemm raġuni oħra għaliex għandha tiċħad l-eċċezzjoni taħt eżami. Din ir-raġuni toħroġ mil-liġi sussidjarja nnifisha li taħtha u bis-saħħa tagħha l-Bord intimat twaqqaf u ħadem. Fl-imsemmija liġi hemm dispożizzjoni[13] li tgħid li wara l-1 ta' Mejju, 2004, hija ma kinitx se tibqa' fis-seħħ u kienet qegħda tiġi mħassra b'effett minn dik id-data. Dan ifisser li l-istess Bord intimat ma jibqax jeżisti aktar wara dik id-data. Dan jingħad għalkemm l-istess regolament jipprovdi li proċeduri mibdija qabel l-1 ta' Jannar, 2004, jibqgħu jitqiesu regolati bl-imsemmija liġi sakemm jintemmu. Il-proċeduri tal-gara f'din il-kawża nbdew wara l-ewwel ta' Jannar, 2004. Il-*lacuna* li allura sseħħ bis-saħħa ta' din iċ-ċirkostanza twassal biex għall-finijiet ta' ġudizzju sħiħ, l-intimat Avukat Ġenerali joħroġ bħala l-persuna li fih jinġabar l-interess ġuridiku li jikkuntrasta l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti;

"Illi għalhekk, il-Qorti ma jidhrilhiex li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

"Illi **għar-rigward tal-eċċezzjoni li l-Bord intimat m'huwiex azzjonabbli bħala korp morali**, jingħad minnufih li l-intimati ma taw l-ebda tifsira għal din l-eċċezzjoni. Hija ħaġa ċerta li l-Bord huwa kostitwit bis-saħħa ta' liġi u l-istess liġi tagħmilha ċara li d-deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet li jagħmel ikunu kolleġġjali u jorbtu dwar il-gara tal-appalt li jkun, ukoll jekk ma jkunux unanimi. Minn dan, il-Qorti tasal għall-fehma li ma kien qatt maħsub li, dwar l-għamil tiegħu, il-Bord intimat ma kienx miżmum li jwieġeb kollettivament għal xi ilment, biex minfloku jitħarrku l-komponenti individwali tiegħu;

---

[11] P.A. Kost **14.3.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et*** konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward b'sentenza mogħtija fit-**8.11.2004**
[12] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[13] Reg. 18(1) A.L. 70 tal-1996, kif emendat

"Illi, fin-nuqqas ta' argumenti aktar sodi u tajba min-naħa tal-intimati, din l-eċċezzjoni wkoll ma tistax tintlaqa';

"Illi **għar-rigward tal-eċċezzjoni li l-Bord intimat m'huwiex azzjonabbli dwar il-funzjonijiet ġudikattivi tiegħu**, il-Qorti tgħid biss li s-setgħa ta' din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li tistħarreġ ilmenti ta' allegat ksur ta' jeddijiet fondamentali mħarsa mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni testendi wkoll saħansitra fl-operat ta' Qrati oħrajn[14] u kif ukoll ta' Tribunali maħtura bis-saħħa ta' xi liġi[15], u kif ukoll ta' Kummissjonijiet imwaqqfin bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni nnifisha[16]. Ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-Bord intimat għandu jingħata trattament preferenzjali jew differenti f'dan il-każ. Li kieku dak li qiegħed jgħid il-Bord intimat kellu jintlaqa' dan ikun ifisser li dak l-organu amministrattiv ikun qed jitpoġġa 'l fuq mill-ogħla liġi tal-pajjiż;

"Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas din l-eċċezzjoni preliminari m'għandha mis-sewwa u m'hijiex sejra tilqagħha;

"Illi l-Qorti sejra issa tqis **l-ilmenti tal-kumpannija rikorrenti** fil-mertu. Jibda biex jingħad li l-ilment ewlieni jistrieħ fuq id-deċiżjoni tal-Bord intimat li ma jilqax għal kollox it-talba tar-rikorrenti biex jitressqu quddiemu d-dokumenti kollha, magħduda magħhom ir-rapport sħiħ tal-Bord tal-Għażla. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li d-deċiżjoni li minnha l-kumpannija rikorrenti qegħda tilminta m'hijiex id-deċiżjoni aħħarija dwar l-oġġezzjoni magħmula mill-istess rikorrenti, imma hija d-deċiżjoni li ttieħdet waqt is-smigħ tal-appell. Kemm hu hekk, din il-kawża tressqet qabel ma l-Bord tal-Appell kien ta d-deċiżjoni tiegħu fil-"mertu" dwar l-oġġezzjoni magħmula mill-kumpannija rikorrenti għall-għoti tat-*tender* lill-konsorzju kompetitur;

---

[14] Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Micallef vs Avukat Ġenerali et***

[15] P.A. Kost. **26.7.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Montalto vs Clews et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.688**)

[16] Kost. **21.1.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (kollez. Vol: **LXIX.i.1**)

"Illi l-kumpannija rikorrenti tgħid li din id-deċiżjoni "interlokutorja" kienet tfisser li provi essenzjali u siewja li kienu determinanti għas-smigħ tal-oġġezzjoni tagħha kienu miżmuma 'l bogħod mill-konsiderazzjoni tal-istess Bord intimat. Fi kliem ieħor, il-Bord bħal ċaħħad lilu nnifsu milli jiggarantixxi smigħ xieraq billi ma laqax it-talba tal-kumpannija rikorrenti li jitressqu d-dokumenti kollha mitlubin minnha. Hija dik id-deċiżjoni li l-kumpannija rikorrenti qegħda tuża bħala l-bażi tal-ilment kostituzzjonali tagħha, għalkemm il-konsegwenza ta' sejbien favorevoli għaliha f'dan ir-rigward ikun ifisser li l-proċess kollu li sar quddiem il-Bord intimat jiġi passibbli għal tħassir. Il-kumpannija rikorrenti tgħid li, b'hekk, kienet miċħuda minn smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ('il quddiem imsejħa "ECHR");

"Illi l-artikolu 39(2) huwa magħmul minn żewġ prinċipji: l-ewwel irid li qorti jew awtorita' oħra b'setgħa li tiddeċiedi dwar l-eżistenza jew l-estent ta' dritt jew obbligu ċivili għandha tkun indipendenti u ma xxaqleb lejn l-ebda naħa (imparzjali); it-tieni jrid li persuna li tersaq quddiem qorti jew awtorita' bħal dik ikollha smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-ECHR jrid li fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tagħha, kull persuna għandha jedd għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi;

"Illi għalhekk, mhux kull korp li għandu s-setgħa li jagħti deċiżjoni jaqa' fil-parametri tal-imsemmija artikoli. Minbarra dan, mhux kull deċiżjoni mogħtija minn qorti jew awtorita' bħal dik taqa' fl-ambitu ta' dak il-jedd fondamentali: irid tkun proċess jew deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estenzjoni ta' dritt jew obbligazzjoni ċivili. Dwar din l-aħħar karatteristika kruċjali għall-applikabilita` tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-ECHR ingħad espressament li "rakkomandazzjoni qatt ma tista' tiġi ikkunsidrata li għandha l-forza ta' sentenza pronunzjata minn Qorti

kompetenti li tiddetermina l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili"[17];

"Illi għall-finijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, wieħed jifhem li l-kelma "Qorti" tirreferi għat-tribunali ġudizzjarji maħsuba fid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[18], filwaqt li "awtorita' b'setgħa li tiddeċiedi" tirreferi għal kull korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju li jaf l-eżistenza tiegħu bis-saħħa u fit-termini ta' liġi[19]. Jidher li, għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-ECHR qorti jew tribunal irid ikun igawdi ġurisdizzjoni sħiħa li biha jista' jqis kwistjonijiet ta' fatt u wkoll ta' dritt, u li ma jkunx marbut (jew iqis ruħu marbut) minn xi korp jew persuna oħra mhix ġudizzjarja fid-determinazzjoni tal-qofol tal-kwistjoni li titressaq quddiemu[20]. Kriterju essenzjali biex japplikaw id-dispożizzjonijiet taħt eżami hu li l-Qorti jew l-awtorita' li tkun, iridu jkunu imparzjali u indipendenti;

"Illi jekk wieħed jifli l-liġi li taħtha jiġi kostitwit il-Bord intimat, wieħed isib li l-membri tiegħu jinħatru mill-Prim Ministru taħt dawk it-termini u kundizzjonijiet li jista' jagħmlilhom fl-ittra tal-ħatra[21]. L-istess liġi trid li l-Bord iwettaq il-funzjonijiet tiegħu skond id-dispożizzjonijiet ta' Skeda IX. Imqar minn daqqa t'għajn lejn uħud mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Skeda, wieħed malajr jintebah li l-Bord ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala indipendenti, u dan billi aspetti essenzjali tal-kostituzzjoni u tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu jiddependu mill-Prim Ministru[22]. Minbarra dan, id-deċiżjonijiet tiegħu huma rakkomandazzjonijiet definittivi u ma jiġux eżegwiti minnu, għalkemm huma finali dwar il-kwistjoni tal-għoti tal-kuntratt li jkun[23] u jobbligaw lill-intimat Direttur tal-Kuntratti li jwettaqhom[24]. L-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jwassal biex l-intimat Direttur tal-Kuntratti jitqies li huwa persuna b'fakultajiet ġudizzjarji;

---

[17] P.A. **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Galea Debono et noe*** (Kollez: Vol: **LXXVII.iii.151**)
[18] Kost. **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Ignatius Licari et***
[19] Ara, per eżempju, P.A. Kost CFS **14.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ernest Balzan noe vs Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku et*** u l-għadd ta' sentenzi msemmijin fiha
[20] *Terra Wongingen B.V. vs The Netherlands* **17.12.1996** (Applik.Nru. 20641/92) par 52-3
[21] Reg. 15(1) tal-A.L.70 tal-1996 kif emendat
[22] Ara, per eżempju, Reg 6, Skeda IX A.L. 70 tal-1996
[23] Reg. 15, Skeda IX tal-A.L. 70 tal-1996
[24] Reg. 17, Skeda IX tal-A.L. 70 tal-1996

"Illi meta tqum il-kwistjoni jekk il-każ kienx jirrigwarda d-determinazzjoni ta' dritt ċivili wieħed irid jifli żewġ fatturi: l-ewwel fattur huwa l-aspett tad-"determinazzjoni" (jiġifieri d-deċiżjoni u l-proċess li jwassal għaliha fil-qafas ta' kontestazzjoni); it-tieni jirrigwarda x'jikkostitwixxi d-dritt jew obbligu ċivili. Dan jingħad għaliex l-artikolu 6 jrid japplika fil-qafas ta' "kwestjoni" jew "disputa" dwar l-imsemmija drittijiet jew obbligi ċivili eżistenti bejn żewġ individwi jew bejn individwu u l-Istat. B'dawn id-drittijiet kien mifhum li kienet qegħda ssir riferenza għad-dritt privat u mhux pubbliku, b'mod li l-Konvenzjoni ma kinitx meqjusa li tħares lill-individwu fil-jedd ta' smigħ xieraq dwar kull jedd jew obbligu li huwa jista' jqanqal taħt il-liġi ta' pajjiżu[25]. Iżda, f'każijiet bejn l-individwu u l-Istat, tqies li għamil tal-Istat li jolqot direttament il-jedd ta' proprjeta' tal-individwu jikkostitwixxi għamil li jiddetermina dritt ċivili. Dan jgħodd ukoll fejn l-għamil tal-Istat jirreferi għal teħid ta' proprjeta' jew esproprjazzjoni[26];

"Illi biex jista' jingħad li jeżisti dritt (jew obbligu korrispondenti) ċivili jidher li dan irid ikun jirriżulta minn "*clearly defined statutory right*". Għalhekk, per eżempju, filwaqt li kumpannija għandha dritt ċivili li tassikura li, fi proċess ta' għażla f'konkors wara ħruġ ta' *tender*, ma ġġarrabx esklużjoni minħabba diskriminazzjoni, ma jidhirx li għandha "dritt ċivili" li, għaliex hija teżerċita attivita' kummerċjali bil-ħsieb ta' qligħ, tintgħażel biex twettaq l-oġġett tas-sejħa għall-offerti[27]. F'din il-kawża, il-kumpannija rikorrenti ma wrietx liema hu d-"dritt ċivili" li kien qiegħed jiġi "dererminat" mill-Bord intimat;

"Illi f'dan ir-rigward ingħad[28] b'mod ċar u illustrattiv ħafna li "*In the context of 'civil rights and obligations', Article 6 only applies if there is a 'dispute' or* contestation[29] *which is directly decisive of that right, and only where that right is one that is – at least arguably – recognised by domestic law. The Court has made it clear that Article 6 will not*

---

[25] Ara, per eżempju, ***Konig vs Federal Republic of Germany*** **28.6.1978** (Applik. Nru. 6232/73) par 90-5
[26] ***Raimondo vs Italy*** **22.2.1994** (Applik. Nru. 12954/87) par. 43
[27] *Tinnelly & Sons Ltd et vs U.K.* **10.7.1998** (Applik. Nru. 20390/92), par 58-61
[28] Gordon, Ward & Eicke The Strasbourg Case Law (2001), f'paġ. 366
[29] Fit-tifsira Franċiża tal-kelma

*assist to create a 'civil right' where none exists under domestic law. It is not enough if there is only a 'tenuous connection' between the dispute and the civil right, the determination of the existence of the right and/or its nature and extent must be the object – or at least one of the objects – of the dispute.*";

"Illi fuq kollox għalhekk, biex jista' jingħad li japplikaw ir-rimedji tal-artikolu 6, irid jintwera li l-kwestjoni dwar id-drittijiet u obbligi ċivili li għalihom japplika dak l-artikolu tkun taħt ġudizzju ("*being determined*")[30], fi proċeduri deċiżivi tal-istess drittijiet ċivili. Dan, normalment, ifisser li jrid ikun hemm proċeduri ġudizzjarji mexjin. Dan huwa wieħed mill-elementi li jiddistingwu l-applikabilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li japplika biss fi ħdan proċeduri diġa' mibdija quddiem qorti;

"Illi fil-każ preżenti, l-intimati jgħidu li l-każ li kien qiegħed jiġi trattat quddiem il-Bord intimat ma kienx wieħed li jiddetermina l-eżistenza jew l-estent ta' xi dritt ċivili tal-kumpannija rikorrenti. Iżidu wkoll li lanqas jista' jingħad li l-proċess tal-għażla tal-offerti jikkostitwixxi proċess li jiddetermina drittijiet jew obbligi ċivili

"Illi, fis-sewwa jrid jingħad li jirriżulta[31] li l-Bord intimat ma kienx kontra li jitressqu d-dokumenti mitluba mill-kumpannija rikorrenti waqt is-smigħ, iżda għamilha ċara li ma riedx li t-talba tinbidel f'"sajda" ta' tagħrif minn dokumenti li ma kellhox x'jaqsmu mal-oġġezzjonijiet imqanqlin. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, l-Bord intimat ressaq ukoll dokument li juri x'inhi l-politika tiegħu dwar it-tressiq quddiemu ta' dokumenti bħala bażi ta' provi[32]. Jekk ċaħad it-talba, dan kien għaliex, fil-fehma tiegħu, il-kumpannija rikorrenti dehret li kienet qegħda tistad għat-tagħrif li sata' ma kienx rilevanti għad-diskussjoni tal-oġġezzjoni magħmula minnha. Min-naħa tagħha, l-kumpannija rikorrenti seħqet li ma setgħet qatt tgħid

---

[30] ***Ringeisen vs Austria* 16.7.1971** (Applik. Nru. 2614/65) par. 94

[31] Ara r-rapport tal-Bord, f'paġ. 53 u traskrizzjoni tas-smigħ f'paġġ. 230-4 u 245-6 tal-proċess

[32] Ara d-Dok "DK4", f'paġġ. 187, 194 u 207 tal-proċess (liema dokument jirreferi għal smigħ quddiemu dwar sejħa għall-offerti dwar proġett ieħor)

x'hemm fid-dokumenti mitluba minnha qabel ma setgħet tarahom!;

"Illi meta jinġabru l-konsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, jirriżulta li l-ilment tal-kumpannija rikorrenti ma jistax jitqies li jaqa' fl-ambitu ta' determinazzjoni ta' dritt (jew obbligu) ċivili tagħha. Lanqas ma jista' jingħad li l-organu (f'dan il-każ il-Bord intimat) li qiegħed jiġi mixli bil-ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq kien qorti jew awtorita` oħra ġudizzjarja kif iridu d-dispożizzjonijiet relattivi li jħarsu dak il-jedd. Għalhekk, il-Qorti jkollha tasal għall-fehma li l-azzjoni tar-rikorrenti, kif formulata, ma tistax titqies mistħoqqa għaliex ma taqax fil-parametri xierqa kostitutivi li jwasslu għal dikjarazzjoni li tassew seħħ ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-kumpannija rikorrenti;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**"Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimati bħala mhux mistħoqqa fid-dritt;

**"Tiddikjara** li l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li fuqhom hija mibnija t-talba, ma japplikawx għall-ilment imressaq mill-kumpannija rikorrenti, u għalhekk ma ssibx li tista' tiddikjara li l-Bord intimat kiser il-jedd tagħha għal smigħ xieraq;

**"Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-intimati; u

**"Tordna** lill-kumpannija rikorrenti tħallas l-ispejjeż tal-kawża, minbarra dawk relattivi għall-eċċezzjonijiet preliminari u dawk marbutin mas-sentenza preliminari tal-15 ta' April, 2004, li għandhom jitħallsu mill-intimati."

**L-appell tas-socjeta` I.T.C. Limited u r-risposta ta' l-intimati**

Kif diga' inghad, minn din is-sentenza appellat is-socjeta` rikorrenti, u dan b'rikors tat-28 ta' Dicembru 2004. L-

aggravji tas-socjeta` appellanti jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi l-kostituzzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar il-Kuntratti Pubblici u l-mod kif il-proceduri huma regolati quddiemu, jaghmluh "tribunal" fis-sens ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
2. illi fil-procedura in kwistjoni kien hemm involuti "drittijiet u obbligi civili", stante li d-decizjoni dwar l-ghoti o meno tal-kuntratt ta' l-appalt lis-socjeta` appellanti kien ser ikollha impatt finanzjarju serju fuq l-istess socjeta`, u stante li min jinnegozja biex jidhol f'kuntratt simili jassumi obbligi u drittijiet li jinholqu min-natura stess ta' dak in-negozju; u
3. illi l-ewwel sentenza hija erronea stante li kien hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq billi l-aktar dokument baziku u fondamentali ghad-decizjoni tal-Bord, u cioe` r-rapport li a bazi tieghu ittiehdet id-decizjoni li kienet qed tigi appellata quddiem dak l-istess Bord, baqa' ma giex prodott quddiem il-Bord fl-interezza tieghu, u ghalhekk baqa' mhux disponibbli ghas-socjeta` appellanti sabiex tkun tista' taghmel il-kummenti taghha.

Fir-risposta taghhom tas-6 ta' Jannar 2005 l-intimati baqghu jinsistu illi l-kwistjoni odjerna ma tikkoncernax id-determinazzjoni ta' "drittijiet u obbligi civili" billi s-socjeta` appellanti ma tistax tibbaza it-talba taghha fuq ebda dritt kontrattwali akkwizit la darba l-offerta taghha qatt ma giet accettata u ladarba hija stess ghamlet dik l-offerta bil-konsapevolezza tal-fatt illi din m'hux necessarjament se tkun accettata. Huma jghidu wkoll illi l-Bord ta' l-Appell ghandu funzjoni sostanzjalment investigattiva u konsegwentement ma japplikawx ghalih il-htigijiet ta' procedura gudizzjarja inkorporati fl-Artikolu 6. Fl-ahharnett l-intimati jghidu wkoll illi l-ordni tal-Bord li ssir indikazzjoni tar-rilevanza tal-provi dokumentarji u ta' l-oggett taghhom ma hijiex restrizzjoni impermessibli.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2005, il-Qorti ta' l-Appell tat zmien liz-zewg partijiet sabiex jipprezentaw nota ta' riferenzi, pero huma baqghu inadempjenti.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghandu l-ewwel jigi ezaminat it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, peress illi fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni humiex applikabbli ghall-kaz odjern jew le. Jekk dan l-aggravju ma jigix akkolt, ma jkunx hemm in-necessita` li din il-Qorti tidhol fil-mertu ta’ l-aggravji l-ohra.

Kif inghad, it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens illi l-proceduri in kwistjoni kienu jinvolvu d-determinazzjoni ta’ drittijiet u obbligi civili taghha[33].

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza ta’ Strasbourg illi sabiex jiskattaw il-garanziji kontemplati fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, trid tkun tezisti tilwima *“dispute”* fuq livell nazzjonali bejn zewg persuni privati, jew bejn ir-rikorrenti u l-istat, u r-rizultat ta’ din it-tilwima irid ikun jiddetermina d-drittijiet u obbligi civili tar-rikorrent. Dan ir-rekwizit gie spjegat hekk:

*“Article 6(1) extends only to ‘contestations’ (disputes) over (civil) “rights and obligations” which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law; it does not itself guarantee any particular content for (civil) “rights and obligations” in the substantive law of the Contracting States.”* (**H v. Belgium**, deciza fit-30 ta’ Novembru 1987).

Minn dan isegwi li wiehed irid ihares lejn il-ligi Maltija, sabiex jiddetermina jekk din il-ligi tirrikonoxxix o meno xi “dritt” (li jista’ “arguably” jitqies bhala wiehed “civili”) lis-socjeta’ rikorrenti f’sejha pubblika ghall-offerti.

Il-hrug ta’ sejha ghall-offerti hija invit lil persuni biex huma jaghmlu l-offerta taghhom. U ghalhekk fil-kamp kontrattwali hija t-*tender* ta’ dik il-persuna li hija l-ewwel

[33] L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li *“Kull qorti jew awtorita` ohra gudkanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili…”*; u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi *“Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu…”.*

pass biex il-kunsens tal-partijiet jigi finalizzat. Fi kliem iehor, meta persuna tissottometti it-*tender*, hi tkun qed taghmel semplici offerta. Din l-offerta trid tigi accettata minn min ikun hareg is-sejha ghall-offerti, biex wiehed jkun jista' jitkellem fuq kuntratt. Konsegwentement, fil-kaz odjern certament ma jistax jinghad li ghax is-socjeta` appellanti tefghet l-offerta taghha, hija kellha xi dritt li tintghazel jew xi dritt li tinsisti li l-offerta taghha tigi milqugha. Fil-fatt is-sejha ghall-offerti kienet espressament tghid illi: *"Government is not obliged to accept the lowest or any other Tender submitted and is not obliged to give reasons for doing so."* (Klawsola 4.11 tas-sejha ghall-offerti a fol. 25 tal-process).

Min-naha l-ohra, huwa veru wkoll li, kif tajjeb osservat is-socjeta` appellanti, meta wiehed jissottometti offerta huwa jinvolvi ruhu f'certu ammont ta' xoghol biex jaghmilha u jinkorri certa spiza finanzjarja partikolarment jekk, bhal fil-kaz odjern, huwa ikun obbligat li jhallas sabiex ikun jista' jigbor id-dokumenti biex ikun jista' jaghmel din l-offerta (ara klawsola 41.1 tas-sejha ghall-offerti a fol. 22 tal-process). Ma hemmx dubju li dan il-hlas innifsu biex tkun tista' issir l-offerta jikkrea certu obbligu da parti ta' min qed jitlob l-hlas, li fil-kors tan-negozjati jagixxi in *buona fede* u bid-diligenza ta' *bonus paterfamilias.* Tali sitwazzjoni taghti lok ghal drittijiet u obbligi reciproci bejn il-partijiet, pero` dawn id-drittijiet u obbligi huma ta' natura pre-kontrattwali (**John Alfred Pullen pro et noe v. Manfred Gunter Matysik noe et**, Qorti ta' l-Appell 26 ta' Novembru 1971; ara wkoll **Saviour Fiteni et v. Louis Mazzitelli et,** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 2 ta' Gunju 2003).

Relazzjoni pre-kontrattwali hija kunsidrata li taghti biss lok ghal danni u ma taghtix lok ghal hekk imsejha *"specific performance"*. Dan ghaliex, kif jinghad minn **Torrente-Schlesinger**: *"Secondo la giurisprudenza e la dottrina la colpa* in contrahendo *e` di natura aquiliana o extracontrattuale."* (**Manuale di Diritto Privato**, edizjoni 13, pag. 508).

Il-proceduri in kwistjoni fil-kaz odjern ma kienux jittrattaw talba ghar-rizarciment tad-danni minhabba r-

responsabbilita` pre-kontrattwali ta' l-appellati jew ta' min minnhom, izda kienu effettivament proceduri ghal rikonsiderazzjoni, jew ahjar appell, mid-decizjoni ta' l-appellat Direttur tal-Kuntratti li l-appalt ma jigix moghti lis-socjeta` I.T.C. Limited izda jigi moghti lil organizzazzjoni ohra li kienet ukoll tefghet l-offerta taghha. In sintezi l-ilmenti tas-socjeta` I.T.C. Limited quddiem il-Bord ta' Appell kienu li l-*"Adjudicating Board"* kien ghamel apprezzament hazin tat-*tender* mitfugha mill-organizzazzjoni li effettivament hadet l-appalt, a skapitu tat-*tender* taghha. Fil-fatt fl-ittra motivata ta' l-oggezzjoni, is-socjeta' appellanti talbet illi l-appalt jinghata lilha stess, u mhux lill-organizzazzjoni l-ohra (il-*Welcomeurope Consortium*) (ara fol. 12 tal-process).

Ghalhekk, fil-kaz odjern, il-proceduri kienu f'certu sens jikkoncernaw talba ghal *"specific performance"*. Fil-fatt, il-Bord ta' l-Appell rega' ezamina iz-zewg *tenders* mill-gdid, u zamm seduta fejn il-partijiet kollha interessati setghu jressqu l-provi taghhom u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni illi *"the objections raised by PRES* (is-socjeta appellanti) *cannot be entertained and that the award of this tender to WelcomeEurope was made correctly."* (fol. 66 tal-atti).

Tezisti, pero`, distinzjoni cara bejn apprezzament ta' din in-natura, cioe` apprezzament ta' liema offerta ta' appalt minn diversi offerti hija l-aktar vantagguza, u l-ezercizzju normali tal-funzjoni gudizzjarja. Fl-ezercizzju normali tal-funzjoni gudizzjarja, l-awtorita` gudikanti tiddeciedi b'mod oggettiv min mill-partijiet ghandu ragun skond il-ligi. Apprezzament ta' offerti ta' appalt jinvolvi gudizzju ftit jew wisq soggettiv tal-proposti sottomessi, liema proposti naturalment ikunu jvarjaw fl-istil u l-forma, u dan il-gudizzju jrid necessarjament isir kemm fid-dawl tal-prezz mitlub ghall-proposti rispettivi kif ukoll fid-dawl ta' dak li jaghmel is-sejha ghall-offerti jkun jikkunsidra li jaqbel lilu. Ghar-ragunijiet gia` moghtija iktar 'l fuq, f'apprezzament ta' dan it-tip, <u>hadd mill-offerenti ma jista' jivvanta xi dritt li ghandu jigi maghzul</u>. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ma jistghux jigu estizi biex ikopru wkoll

nuqqas ta’ qbil dwar din ix-xorta ta’ apprezzament, stante illi ma jistax jinghad li s-socjeta` appellanti kellha xi dritt li kien qieghed jigi determinat (ara b’analogija **Van Marle v. The Netherlands**[34], Qorti Ewropea, 26 ta’ Gunju 1986).

Is-socjeta` appellanti targumenta illi l-procedura in kwistjoni kienet tinvolvi dritt civili, billi d-decizjoni dwar l-ghoti o meno tal-kuntratt ta’ l-appalt lilha kien ser ikollha impatt finanzjarju serju fuqha. Il-fatt wahdu, pero`, li d-decizjoni kien se jkollha konsegwenzi ekonomici l-imsemmija socjeta` (wahda mit-*tenderers*) ma huwiex sufficjenti sabiex jirrendi dik id-decizjoni “determinazzjoni ta’ dritt civili” tas-socjeta` appellanti. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, u kif gia` gie rilevat iktar ‘l fuq f’din is-sentenza, is-socjeta` appellanti ma kellhiex “dritt civili” li, ghaliex hija tezercita attivita` kummercjali bil-hsieb ta’ qliegh, tintghazel biex twettaq l-oggett tas-sejha ghall-offerti.

Il-fattispecje tal-kaz odjern huma wkoll differenti minn dawk fil-kaz **Tinnelly & Sons Ltd. and others v. United Kingdom** deciz mill-Qorti Ewropea fl-10 ta’ Lulju 1998, u li ghalih saret referenza mill-abbili difensur tas-socjeta` appellanti waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell. Ghalkemm dak il-kaz kellu wkoll l-isfond ta’ sejha ghal offerti mill-pubbliku, f’dak il-kaz, il-ligi ingliza kienet espressament tiggarantixxi *“a right not to be discriminated against on grounds of religious belief or political opinion in the job market including, ... ..., when bidding for a public works contract or subcontract.”* Kienet biss in vista ta’ din id-disposizzjoni espressa tal-ligi, li l-Qorti Ewropea irriteniet li s-socjeta’ rikorrenti f’dak il-kaz kellha “dritt civili”. Fil-kaz odjern is-socjeta` appellanti ma hix qieghda tilmenta li sofriet xi diskriminazzjoni.

---

[34] F’din is-sentenza nghad, inter alia, hekk: “An assessment of this kind, evaluating knowledge and experience for carrying on a profession under a particular title, is akin to a school or university examination and is so far removed from the exercise of the normal judicial function that the safeguards in Article 6 cannot be taken as covering resultant disagreements. There was thus no "contestation" (dispute) within the meaning of Article 6, which therefore was not applicable in the present case. The fact that, in domestic law, the Board of Appeal is considered to be a tribunal does not alter this conclusion.” (paras. 36, 37). Ma din il-konkluzjoni tal-maggoranza ma kienx qabel l-Imhallef Malti fuq dik il-Qorti, il-Professur J. J. Cremona.

Fl-ahharnett din il-Qorti tirrileva illi r-Regolament 4(2) tar-Regolamenti ta’ l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku (Avviz Legali 70/1996) jaghmilha cara illi: *“Dawn ir-regolamenti ma jghaddu ebda dritt lil xi offerent, fornitur jew kuntrattur iktar minn dawk id-drittijiet li johorgu mid-dritt civili.”*[35] Konsegwentement, is-socjeta` appellanti ma tistax tipprova tivvanta xi drittijiet in forza tar-regolamenti fl-Avviz Legali 70/1996, izda d-dritt li trid tivvanta jrid ikun bilfors naxxenti mid-dritt civili, u kif diga` gie rilevat, id-dritt civili jaghti, f’cirkostanzi simili bhal dawk in dizamina, biss lok ghal drittijiet u obbligi pre-kontrattwali, li jistghu jaghtu biss lok ghal danni.

Konsegwentement, it-tieni aggravju tas-socjeta appellanti huwa respint.

U peress li ghalhekk l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ma humiex applikabbli ghal kaz odjern billi l-proceduri quddiem il-Bord ma kienux jikkoncernaw id-determinazzjoni ta drittijiet u obbligi civili, ma hemmx lok li jigu ezaminati l-aggravji l-ohra tas-socjeta` appellanti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[35] Fit-test ingliz: *“These regulations do not confer any right to any tenderer, supplier or contractor beyond those pertaining under civil law.”*